# Il-Volto Sant ta' Lucca

**Lorenzo Zahra**

Min iżur is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, kif jidħol mill-bieb tal-ġenb, jara kwadru mdaqqas b'Ġesù Kristu msallab imlibbes ta' Sultan. Dan il-kwadru tant qadim aktarx inġieb hawn mill-Knisja tal-Karmnu tal-Birgu meta l-Karmelitani ħallew il-Birgu u l-Knisja li kellhom fix-Xatt il-Kbir.

Ix-Xbieha ta' Ġesù Msallab b'dan il-mod, li l-oriġinali jinsab f'Lucca, għandha ġrajja interessanti ferm marbuta magħha. Naturalment, fl-imgħoddi meta ftit kien hawn min jirreġistra l-fatti bil-kitba, il-ġrajjiet kienu jaslu minn ġenerazzjoni għall-oħra bħala leġġenda.

Dan l-Imsallab li jinsab f'Lucca jingħad li kien ġie mnaqqax minn Nikodemu, wieħed li ħa ħsieb id-difna ta' Ġesù. Għall-iskultura ta' rasu jingħad li din saret b'miraklu billi Nikodemu sabha lesta. Għall-bidu kien qiegħed fir-raħal imsemmi "Ramla" u jingħad li saħansitra l-Madonna kienet titlob quddiem din ix-xbieha. L-immaġini, Nikodemu kien ħallih lil Isasaar, il-ħabib tiegħu. Baqa' fdan il-post sas-sena 782, sa ma kienet tfaċċat persekuzzjoni kontra kull xbieha nstabet fuq bastiment mitluq fuq il-mewġ tal-baħar li twassal lejn il-Piemonte fl-Italja. Hemm l-Isqof tal-post Gwalfredo ġabru u ngħata lill-Isqof ta' Lucca li ġabru flimkien ma' bosta relikwji oħra tal-Passjoni ta' Ġesù.

F'Lucca kibret ferm id-devozzjoni lejn din ix-xbieha u bosta devoti mill-Italja u banda oħra kienu jżuru u jinvistaw din ix-xbieha għażiża. Maż-żmien din ix-xbieha ta' Ġesù ġiet imlibbsa b'ilbies tal-bellus ta' sultan u fuq rasu tqiegħdet kuruna tad-deheb u mżejjed b'tant rikkezzi. Il-kappella fejn jinsab ġiet iddekorata mill-artist Matteo Cividale, imma meta l-armata ta' Napuljun daħlet f'din il-belt, ir-rikkezzi kollha ttieħdu mill-armata ta' Napuljun u llum reġgħu tqiegħdu minn devoti oħra u tinsab f'qima kbira fil-Kappella ta' San Martin li kienet inbniet mill-famuż arkitett Bramante.



Il-Pittura tal-Volto Sant li tinsab fis-Santwarju

Inħeġġu lil kulħadd biex iżur il-Website Uffiċjali tas-Santwarju fuq
www.karmelitanivalletta.org